**4 ta' Marzu, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Lorenzo Mercieca

*versus*

Salvatore Zammit

**Danni — Annimali — Kelb — Responsabiltà — Ċirkostanzi li jeskluduha.**

*Ir-responsabiltà għad-danni kaġunati minn annimal li tinkombi fuq sid l-annimal hija biss eskluża f'ċirkostanzi speċjali fejn dan jirnexxilu jipprova li dina kienet dovuta għall-proża maġġuri jew ħtija ta' terzi.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, il-konvenut jiġi kundannat iħallsu bl-imgħax legali mit-tnax (12) ta' Ottubru, 1961, is-somma ta' ħmistax-il lira, żewġ xelini u żewġ soldi (£15.2.2.) in rifusjoni tad-danni sofferti mill-attur minħabba li l-kelb tal-konvenut attakka u weġġa' lit-tifel tal-attur liema danni aċċetta li jħallas. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-ħdax (11) ta' Ottubru tal-1961.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li hu mhux responsabbli tad-danni reklamati peress illi l-kelb tiegħu kien marbut u kien iben l-attur li resaq lejh, u qal ukoll li hu ma aċċettax li jħallas l-istess danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, u l-lista tax-xhieda tal-kontendenti;

Semgħet lix-xhieda prodotti u rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet, dik ta' l-attur preżentata fit-tmintax (18) ta' Jannar, 1963, u dik tal-konvenut fil-ħmistax (15) ta' Frar, 1963:

Ħadet konjizzjoni tal-proċess; wara li semgħet it-trattazzjoni orali;

Ikkunsidrat:—

Illi, kif kien opportun, il-provi u s-sottomissjonijiet tar-responsabilità biss rigward id-danni li qed jitlob ir-risarċiment tagħhom l-attur. Dawn id-danni ġew kaġonati mill-kelb proprietà tal-konvenut fuq il-persuna ta' iben l-attur, fuq dana l-fatt m'hemmx kontestazzjoni bħala fatt iżda hemm kontestazzjoni fuq il-konsegwenzi ġuridiċi li jidderivaw mill-istess fatt, billi l-konvenut jiċħad ir-responsabilità tad-danni hekk kaġonati mill-kelb tiegħu u lilu akkollata mill-attur;

Illi l-Artikolu 1083 tal-Kodiċi Ċivili tagħna, (li hu identiku għall-Artikolu 1154 tal-Kodiċi Ċivili taljan antik) jgħid li sid l-annimal iwieġeb għall-ħsara li dak l-annimal jikkaġuna sew jekk ikun jinsab taħt idejh kemm jekk ikun intilef jew ħarab. L-attur qiegħed appuntu jinvoka favur tiegħu dana l-artikolu tal-liġi, mentri li l-konvenut jgħid li dan m'għandux japplika fil-każ preżenti billi interpretazzjoni korretta ta' l-istess artikolu teskludi ċerti każi ta' danni kaġonati minn annimal: huwa jgħid li dejjem irid ikun hemm element ta' kolpa f'sid l-annimal u, f'nuqqas ta' din, allura jkun il-każ tal-forza maggiore jew ta' nuqqas ta' parti ta' ħaddieħor u sid l-annimal ma għandux iħallas danni. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, il-konvenut issottometta li hu kellu l-kelb tiegħu marbut ġewwa jew ħdejn il-proprietà tiegħu, u dan ma kienx jigdem lil bin l-attur kieku dan ma daħalx fl-istess proprietà jew ma resaqx lejn il-kelb; kontra dan li jwassal, skond il-konvenut li hu kien diliġenti, hemm in-nuqqas ta' sorveljanza fl-attur stess li ħalla lil ibnu fil-garage fejn kien hemm il-kelb.

Illi l-Qorti taċċeta, bħala prinċipju, li jista' jagħti l-każ li,

f'ċirkostanzi speċjali. sid l-annimal ma jirrispondix għaddanni kaġonati mill-istess annimal, però dawna jridu jkunu verament ċirkostanzi speċjali, li jrid jipprova huwa stess, għaliex differentement għandha tapplika r-regola stabilita fl-Artikolu ġa ċitat li tixhed fuqu dina r-responsabilità fl-ewwel lok; u dan hu raġonevoli, billi, sakemm issir il-prova kuntrarja, la darba xi danni jkunu ġew risentiti hemm lok għarrisarċiment relativ, u dan għandu jsir minn min hu l-proprietarju tal-kawża tal-istess dannu. Huwa veru li l-konvenut għandu dritt li jżomm kelb, kif hu ssottometta, però dana d-dritt jinsab soġġett għar-regola in kwistjoni li timponilu l-obbligu tar-risarċimenti tad-danni li jista' jikkaġuna l-istess kelb u dana bi protezzjoni tad-drittijiet tat-terzi dwar il-proprietà tagħhom li altrimenti jistgħu jiġu leżi impunement; meta l-istess lezzjoni, indirettament jekk mhux direttament, tkun konnessa mal-għamil ta' sid il-kelb fis-sens li jkun żamm il-kelb, kawża diretta tal-ħsara sofferta; ċertament il-kelb kien fejn kien għax hekk ried il-konvenut.

Ikkunsidrat:—

Illi, enunċjat il-prinċipju li jirregola dina l-materja, hu opportun li jiġu stabiliti ċ-ċirkostanzi tal-każ biex wieħed jara jekk il-konvenut irnexxilux juri li dawn jiġġustifikaw li l-istess prinċipju ma għandux japplika għall-każ preżenti; fuq kif ġraw il-fatti xehdu Charles Pool, Anthony Mercieca, bin l-attur li kien involut fl-inċident, Mario Zammit, bin il-konvenut, u l-konvenut stess. Jidher li l-konvenut kien fil-garage fejn ried jagħmel xi ħaġa fil-van tiegħu, u daħlu hemmhekk l-ewwel ibnu stess, Mario ma' Charles Pool (il-konvenut u ibnu jsemmi lil John Iles) u mbagħad bin l-attur Anthony; il-kelb kien marbut b'katina ħdejn il-bieb tal-garage, ma' ħolqa fil-ħajt barra l-garage, mentri l-bieb kien miftuħ almenu in parti, billi ma tħallix miftuħ kollu, meta l-konvenut spiċċa milli kellu jagħmel qal lit-tfal biex joħorġu u tifel ta' l-attur

wara li kien ħiereġ l-ewwel wieħed, ġie migdum mill-kelb tal-konvenut barra mill-garage. Ma rriżulta li għamel xejn it-tifel tal-attur *li seta' jevita lill-kelb u jagħmel għalih; anzi dana* t-tifel xehed ċirkostanzi li suppost il-kelb ma kellux raġun biex jagħmel għalih, billi ġieli tah xi għadma però qatt ma nibxu, mill-banda l-oħra rriżulta li l-kelb in kwistjoni ġieli kellu xi *inċidenti għalkemm mhux gravi ma'* ħaddieħor, li bihom il-konvenut u niesu misshom kienu jafu għalkemm mhux neċessarjament kellhom jafu bihom nies oħrajn, bħal per eżempju l-attur.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi riżultanti l-Qorti ma tara xejn anormali li jista' jeżonera lill-konvenut mill-obbligu li għandu skond il-liġi li jirrisarċixxi d-danni li għamel il-kelb tiegħu lit-tifel tal-attur; ma tara ebda nuqqas fl-istess attur fil-fatt li dan ibnu mar fil-garage tal-konvenut, fejn kien hemm l-istess konvenut u iben il-konvenut, anzi tara f'dan ħaġa normali billi allura l-familji kienu ħbieb, anke jekk il-konvenut ma jistax jingħad in kolpa għax ma ħariġx mat-tfal meta kien jaf li hemm il-kelb marbut barra ħdejn il-bieb tal-garage għaliex hu qatt ma stenna u ħaseb li dan kien sejjer jigdem lil xi wieħed minnhom (nonostante l-istorja mhux għal kollox nadifa tiegħu), għandu però jirrispondi għad-danni kaġonati mill-kelb tiegħu għaliex ma ipprovax li kien hemm xi raġuni li teżonerah minn dan l-obbligu skond il-liġi, u dan l-obbligu għalhekk għandu jseħħ; dan l-istess prinċipju ġie applikat fis-sentenza ripostata fil-Kollez. Vol. XIX, i, 145, ċitata mill-konvenut u fil-maġġoranza tas-sentenzi riportati fil-Fadda-Giurisprudenza sul Codice Civile b'riferenza għall-Artikolu 1154 Taljan ġa riferit.

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tipprovdi għalissa fuq it-talba attriċi billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli tad-danni li l-attur qed jitlob

fiċ-ċitazzjoni, għar-raġunijiet fuq indikati, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut, u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni għall-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu, 1963.